MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 937/2005

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra C7692**

**Vs**

**Jeffrey Grech**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmienja u sebghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm78.66c) kwantu ghal sitta u sittin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm66.66c) Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu 6 ta' Dicembru, 2004 sal-5 ta' Dicembru, 2005 in konnessjoni mal-licenzja numru 012110 rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut gie moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika

tutelata fl-istabbiliment “The Guys”, Valletta u, tnax-il lira Maltin (Lm12) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-Avviz, komprizi dawk ta’ l-Ittra Legali tal-15 ta’ Marzu, 2005 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata fis-6 ta’ Gunju, 2005 li biha s-socjeta’ attrici nomine cediet is-sorte u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------